VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19, 135, 10 ta' Settembru, 2013
Taqsima B

A.L. 268 tal-2013

ATT LI JIMPLIMENTA MIŻURI TAL-ESTIMI (KAP. 526)

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru għall-Finanzi għall-ħruġ ta' Euro 50,000,000 *Stock* tal-Gvern ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi u bl-artikoli 4(1)(a) u 6(1) tal-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), il-Ministru għall-Finanzi ħareġ din id-Direttiva:-

Titolu.

1. It-titolu ta' din id-direttiva hu Direttiva mill-Ministru għall-Finanzi għall-ħruġ ta' Euro 50,000,000 *Stock* tal-Gvern ta' Malta.

Ħruġ ta' *Stock*.

2. Għandu jinħareġ ammont ta' Euro 50,000,000 *Stock* tal-Gvern ta' Malta kif ġej:

(a) *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2018 (VI) b'Rata ta' Mgħax li Tvarja marbuta mal-Euribor tas-sitt xhur, u

(b) *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2019 (IV) b'Rata ta' Mgħax li Tvarja marbuta mal-Euribor tas-sitt xhur, jew

(ċ) f'ammonti miż-żewġ *Stocks* imsemmija hawn qabel b'valur nominali flimkien ta' Euro 50,000,000.

Mod tal-Ħruġ ta' *Stock*.

3. Il-ħruġ ta' *Stocks* ser isir kif stipulat fil-prospett.

Policy dwar l-allokazzjoni ta' *Stock*.

4. Kull persuna u, jew enti jistgħu japplikaw għal dawn l-i*Stocks*. It-tqassim tal-i*Stocks* isir kif hemm spjegat fil-prospett.

Negozju fil-Borża ta' Malta. Kap 345.

5. Taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, meta dawn l-i*Stocks* jiġu allokati, għandha ssir applikazzjoni sabiex kull *Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u biex ikun negozjat fil-Borża ta' Malta.

Somma ta' flus li għandha tingħabar.

6. Is-somma ta' flus li għandha tingħabar bl-i*Stocks* imsemmija flimkien tkun ta' Euro 50,000,000. L-*Accountant General* jirriserva d-dritt li jżid is-somma li għandha tingħabar b'ammont ta' mhux iżjed minn Euro 30,000,000.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

7. (1) L-imgħax fuq l-i*Stock* tal-Gvern ta' Malta 2018 (VI) b'Rata ta' Mgħax li Tvarja u marbuta mal-Euribor tas-sitt xhur jitħallas bir-rata ta' mgħax li tvarja kull sitt xhur, skont il-Euribor tas-sitt xhur fis-seħħ fid-data meta tiġi mħabbra flimkien ma' *spread* fissa ta' 90 *basis points (bps)* u maħduma fuq *Day Count Fraction* (*Actual*/360) għal kull Euro 100. Tali *spread* ta' 90 *bps* hija fissa u applikabbli għal tul il-ħajja tal-i*Stock*.

(2) L-imgħax fuq l-i*Stock* tal-Gvern ta' Malta 2019 (IV) b'Rata ta' Mgħax li Tvarja marbuta mal-Euribor tas-sitt xhur jitħallas bir-rata ta' mgħax li tvarja kull sitt xhur, marbuta mal-Euribor tas-sitt xhur fis-seħħ fid-data meta tiġi mħabbra flimkien ma' *spread* fissa ta' 100 *basis points (bps)* u maħduma fuq *Day Count Fraction* (*Actual*/360) għal kull Euro 100. Tali *spread* ta' 100 *bps* hija fissa u applikabbli għal tul il-ħajja tal-i*Stock*.

(3) L-imgħax fuq l-i*Stock* tal-Gvern ta' Malta 2018 (VI) b'Rata ta' Mgħax li Tvarja marbuta mal-Euribor tas-sitt xhur jitħallas kull sitt xhur b'lura fil-25 ta' Marzu u fil-25 ta' Settembru ta' kull sena sakemm idum l-i*Stock*.

(4) L-imgħax fuq l-i*Stock* tal-Gvern ta' Malta 2019 (IV) b'Rata ta' Mgħax li Tvarja marbuta mal-Euribor tas-sitt xhur jitħallas kull sitt xhur b'lura fil-25 ta' Marzu u fil-25 ta' Settembru ta' kull sena sakemm idum l-i*Stock*.

(5) L-ewwel ħlas ta' mgħax taż-żewġ *Stocks* msemmija fis-subartikoli (1) u (2) għall-perjodu bejn il-25 ta' Settembru, 2013 u l-24 ta' Marzu, 2014 (iż-żewġ dati inklużi) isir fil-25 ta' Marzu, 2014.

Fidwa ta' *Stock*.

8. (1) L-i*Stock* tal-Gvern ta' Malta 2018 (VI) b'Rata ta' Mgħax li Tvarja marbuta mal-Euribor tas-sitt xhur jiġi mifdi b'parità fil-25 ta' Settembru, 2018.

(2) L-i*Stock* tal-Gvern ta' Malta 2019 (VI) b'Rata ta' Mgħax li Tvarja marbuta mal-Euribor tas- sitt xhur jiġi mifdi b'parità fil-25 ta' Marzu, 2019.